MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 52/2004/1

**Michael Mizzi**

**v.**

**L-Awtorita` tat-Turizmu, u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2004 l-isem tal-konvenut gie sostitwit bil-kliem "Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta"**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali. Permezz ta' citazzjoni prezentata quddiem dik il-qorti fis-26 ta' April 2004, l-attur, wara li

ppremetta li permezz ta' Avviz ta' Infurzar datat 8 ta' Awissu 2002 l-Awtorita` konvenuta kienet intimatlu sabiex jieqaf *"[from] carrying on a tourism operation consisting of sale or hiring of diving equipment, use of air compressors, acting as a diving centre/college, and advertising or promoting the above activities without obtaining or being in possession of the necessary license"*; illi sussegwentement ghal dak l-avviz ta' infurzar ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu konsistenti f'tahrika bil-pulizija bl-ewwel dehra fil-11 ta' Dicembru 2002, sentenza tas-26 ta' Frar 2003 b'liema l-attur gie lliberat u li minnha kien hemm appell mill-Avukat Generali; illi l-avviz ta' infurzar fuq imsemmi u l-proceduri susssegwenti kienu abbuzivi, *ultra vires* u b'mod iehor illegali fil-konfront tieghu u ghalhekk ghandhom jigu annullati; premess dan kollu – u dan biss – l-attur talab lill-Awtorita` konvenuta tghid ghaliex dik il-qorti ma kellhiex tiddikjara u tiddeciedi li:

**"1. l-ghemil amministrattiv fuq imsemmi huwa *ultra vires* ghaliex l-Awtorita` konvenuta naqset li tosserva il-principji ta' gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dan l-ghemil;**

**"2. l-ghemil amministrattiv fuq imsemmi huwa *ultra vires* ghaliex jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-Awtorita` pubblika billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa, u, jew imsejjsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti;**

**"3. l-ghemil amministrattiv fuq imsemmi huwa *ultra vires* billi l-ghemil amministrattiv fuq imsemmi huwa b'mod iehor kontra l-ligi."**

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2003 kollha kontra l-Awtorita` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

**2.** Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet prezentata fl-24 ta' Gunju 2004, l-Awtorita` konvenuta eccepiet, fost affarijiet

ohra (li ma humiex rilevanti ghall-meritu tal-appell odjern) illi ***"l-azzjoni proposta hija perenta a tenur tad-dispost tal-Art. 469A(3) tal-Kap. 12."*** [1]. Fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2004 quddiem l-ewwel qorti (fol. 18), il-partijiet qablu li l-ewwel tinghata sentenza fuq l-imsemmija eccezzjoni preliminari bbazata fuq l-Artikolu 469A(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (ara wkoll il-verbal tat-22 ta' Frar 2006, fol. 25, fejn gie fl-ahhar iccarat dwar liema eccezzjoni kellha tinghata s-sentenza preliminari).

**3.** Wara li l-partijiet skambjaw noti ta' osservazzjonijiet fuq dan il-punt, b'sentenza moghtija, kif inghad, fit-30 ta' Gunju 2006, l-ewwel qorti laqghet l-eccezzjoni msemmija u ddikjarat l-azzjoni proposta mill-attur bhala perenta skond l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 16, bl-ispejjez jithallsu kollha mill-attur, u dan wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Illi m'hemmx dubbju illi l-kawża odjerna hija waħda li tattakka għemil amministrattiv taħt l-artikolu 469A tal-kap. 12, u dan jammettieh l-istess attur fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu. Huwa jissottometti fl-istess nota illi fil-każ tiegħu dan il-perijodu li fih kellu jintavola l-kawża tiegħu, kellu jibqa' sospiż pendenti l-eżitu tal-proċeduri kriminali li ġew istitwiti fil-konfront tiegħu, in segwitu għall-Avviż ta' Infurzar, mertu tal-kawża preżenti, illi l-Awtorita` konvenuta kienet ħarġet kontra tiegħu.

"Il-Qrati tagħna ġia` kellhom diversi okkażżjonijiet jiddikjaraw ruħhom dwar meta kellu jibda jgħodd it-terminu għall-preżentata ta' kawża simili. Hekk insibu jingħad b'mod mill-aktar inekwivoku illi :

""*Skond l-Artikolu 469A tal-Kap.12, kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu, ċioe` meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni msemmija fis-subartikolu (i sa iv) għandha ssir fi*

[1] **Art. 469A(3):** "Kawza biex twaqqa' eghmil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv."

*żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil … Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jikkontendi li l-perijodu ta' dekadenza għandu jibda jiddekorri mis-16 ta' April 1998 u ċioe` mid-data tal-ittra mibgħuta lill-konsulent legali tiegħu mill-konvenut fejn huwa ġie għall-ewwel darba nfurmat uffiċjalment u bil-miktub dwar l-ordni jew direttiva li qed jilmenta minnha … Fi kwalunkwe każ, il-Qorti jidhrilha li l-Artikolu 469A (3) huwa ċar meta jgħid li l-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mid-data meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf bl-ordni amministrattiva li jkun qed jilmenta minnha. Dan l-artikolu ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur għandu jsir jaf . Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tiġi milquta b'ordni amministrattiva tiġi nfurmata b'mod uffiċjali u bil-miktub, ċertament li dan kien jiġi indikat fl-artikolu in eżami. Il-liġi ssemmi biss li dan il-perijodu ta' dekadenza jibda jgħodd minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf u xejn aktar.*" [2]

"Hekk ukoll ingħad illi:

"”*Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jseħħ fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni*." [3]

"Kif ġia` ngħad l-għemil amministrattiv li qed jilmenta minnu l-attur huwa l-Avviż ta' Infurzar li ħarġet l-Awtorita` konvenuta kontra tiegħu fit-8 ta' Awissu 2002. Dan ġie notifikat lilu, l-għada stess 9 ta' Awwissu 2002, u dan kif jirriżulta mill-atti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża msemmija mill-attur[4]. Dan ifisser skond din il-ġurisprudenza illi huwa kellu sat-8 ta' Frar 2003 biex jistitwixxi din il-kawża, mentri l-kawża preżenti ġiet intavolata biss fis-26 ta' April 2004, aktar minn sena u xahrejn wara li kien laħaq skada dan it-terminu. Skond il-

---

2. Prim Awla: Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et.: 27.6.2003; ara wkoll "Dentist Gerard Zammit vs Awtorita` tal-Ippjanar (P.A. 2.2.2000); Appell: Roberto Zamboni noe. vs Direttur tal-Kuntratti et.: 31.5.2002.
3. Prim Awla: Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv - Ufficcju tal-Prim Ministru : 27.9.2002
4. ara kopja tas-sentenza relattiva fil-kawża: "Pulizija vs Michael Mizzi": 12.9.2003 a fol. 13 tal-process.

ġurisprudenza hawn ċitata, l-ebda proċeduri oħra ma setgħu jissospendu t-terminu perentorju ta' dekadenza stabbilit mil-liġi fl-Artikolu 469A(3).

"Anke kieku għall-grazzja ta' l-argument biss, kellha tiġi aċċettata t-teżi ta' l-attur illi dan it-terminu kellu jibda jiddekorri mid-data li fiha nqatgħet definittivament il-kawża kriminali li kellu kontrih, xorta waħda jiġi illi din il-kawża saret *fuori termine*, u dan għaliex mid-data ta' dik is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali sakemm ġiet intavolata l-kawża preżenti, u ċioe` mit-12 ta' Settembru 2003 sas-26 ta' April 2004, laħqu għaddew ukoll aktar minn sitt xhur."

**4.** Michael Mizzi appella minn din is-sentenza b'rikors ipprezentat fis-7 ta' Lulju 2006. Huwa jerga' jirrepeti dak li kien qal fin-nota ta' sottomissjonijiet minnu maghmula quddiem l-ewwel qorti, u cioe`, li peress li in segwitu ghall-Avviz ta' Infurzar kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu ghax kien naqas milli jottempera ruhu ma' dak l-avviz u l-ewwel gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati izda wara appell min-naha ta' l-Avukat Generali huwa kien instab hati b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 12 ta' Settembru 2003, kien biss minn din id-data tat-12 ta' Settembru 2003 li "it-terminu in kwistjoni ghandu jibda jghaddi", u dan peress li kien f'din id-data li huwa "ma kienx fadallu aktar rimedju".

**5.** Dan l-appell ma jistax hlief jitqies bhala wiehed altament fieragh u manifestament vessatorju. Apparti li l-proceduri kriminali – li ma jammontawx ghal "ghemil amministrattiv" skond id-definizzjoni moghtija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 – istitwiti mill-Pulizija Ezekuttiva u terminati definittivament bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-12 ta' Settembru 2003 kienu jirrigwardaw in-non-osservanza da parti tal-appellant odjern tal-Avviz ta' Infurzar, mentri dak li huwa kien qed jattakka bic-citazzjoni minnu promossa huwa proprju l-istess Avviz (li jikkwalifika bhala "eghmil amministrattiv"), u allura l-proceduri penali ma jiccentraw xejn, anke li wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss, ighid li t-terminu ta' sitt

xhur beda jiddekorri minn meta giet deciza l-kawza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, xorta wahda ghaddew aktar minn sitt xhur bejn id-data ta’ dik is-sentenza (12/9/2003) u d-data meta giet promossa l-azzjoni 26/4/2004 – dan, almenu, sakemm ma jirrizultax li sar xi tibdil fil-kalendarju Gregorjan li ma tafx bih din il-Qorti.

**6.** Ghalhekk, thares minn fejn thares, l-appellant ma jistax ikollu ragun, u dan kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata.

**7.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant. U peress li dana l-appell huwa wiehed kemm fieragh kif ukoll vessatorju fis-sens tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-awtorita` appellata l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------